# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| **IR-RABA' SENA** | **(Il-Qari u l-Kitba) Rotta:** 2 | **ĦIN:** Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ________________________________________ **Il-Klassi:** ___________________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

L-Iskema tal-Marki

| **Il-MARKI** | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

| **It-Taqsima** | **1A** | **1B** | **1Ċ** | **1D** | **1E** | **2A** | **2B** | **IT-TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marka** | **10** | **5** | **10** | **5** | **20** | **15** | **15** | **80** |
| **Il-Marka tal-Istudent/a** | | | | | | | | |

| L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA | (50 MARKA) |
|---|---|

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# L-Għatsa Maltija



Jista' jkun skiet taqtgħu b'sikkina u jista' jkun storbju ta' bnedmin bieżla; jista' jkun fil-beraħ tal-kampanja jew f'xi rokna fejn tkun għaddejja diskursata intima; meta f'daqqa waħda tinstema' twerżiqa ta' għatsa kif imiss. *(par. 1)*

Min ma nħasadx b'xi għatsa li waqqgħatlu dak li kellu f'idu bil-qatgħa, għalqitlu għajnejh f'teptipa inkontrollabbli u qatgħatlu l-fil ta' dak li kien qed jgħid? Għatsa tista' tinżel mis-sema biex teħilsek minn xi biċċa konverżazzjoni diffiċli; jew titla' mill-infern jew tnessik dak li kont bi ħsiebek tgħid, wara li kont ilek nofs siegħa ddur u ddur biex tasal għalih. *(par. 2)*

L-għatsa tista' tkun ġejja minnek jew minn ħaddieħor, imma anke meta toħroġ minn fwiedek, xorta waħda tista' timxi mingħajr ma titlob permess jew tagħti ħjiel li waslet biex toħroġ u tgħid tagħha. *(par. 3)*

Mitt bniedem mitt fehma dwar l-għatsa, iżda llum hawn għorrief kbar fid-dinja u hawn min jistudja l-għatis. U wara ħafna studji, riċerki u kwestjonarji, waslu għall-konklużjoni li l-għatis jista' jkun ta' erba' kwalitajiet. *(par. 4)*

Hawn min jagħtas bil-biża' li se jitlef mill-popolarità. Jagħtas qisu nemusa mistħija, donnu qiegħed jitlob bil-ħniena biex taħfirlu u ma taħarbux. Dan aktarx ikun bniedem timidu, iħobbu kulħadd, qatt ma jimponi ruħu fuq ħaddieħor u jagħmel minn kollox biex ma jagħtix fil-għajn ħalli ma jiġix ikkritikat. *(par. 5)*

Hawn imbagħad min jagħtas skont l-etikett, filwaqt li josserva r-regoli kollha, joħroġ il-maktur, jagħmel ħoss mill-inqas, jitlob skuża u jdaħħal il-maktur fil-but mingħajr ma jitwih kif suppost. Nies bħal dawn tieħu pjaċir tagħmilha magħhom għax edukati u jafu jġibu ruħhom fis-soċjetà, filwaqt li jagħmlu attenzjoni biex ma jurtaw jew joffendu 'l ħadd bl-imġiba tagħhom. *(par. 6)*

X'iżjed? Hemm ukoll, min jagħtas mingħajr kantunieri. Dak li għandu jagħmel, jagħmlu u jagħtas waħda solenni, mingħajr ma jħabbel rasu wisq minn x'jaħsbu l-oħrajn. *(par. 7)*

U fl-aħħar hemm l-attur, dak il-bniedem li jħobb jagħmel spettaklu minn kollox. Jagħtas b'mod u manjiera li jsemma' lil kulħadd, iwaqqaf konverżazzjoni – għal aktar attenzjoni u jifraħ meta d-dinja tinduna li hu m'għandu jistħi minn ħadd. *(par. 8)*

*(Addattament minn L-Għatsa Maltija ta' Norbert Ellul Vincenti, minn Sagħtar 2015, p. 45)*

| 1A. Fehim it-Test | ___ 10 marki |
|---|---|

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.**

1. X'jinstema' f'daqqa waħda waqt li jkun hemm is-skiet jew inkella waqt diskursata? *(par. 1)*

_______________________________________________ (1)

2. Kif tista' tgħinek għatsa? *(par. 2)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

3. Għal liema konklużjoni waslu r-riċerkaturi? *(par. 4)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

4. Iddeskrivi l-mod kif jagħtas bniedem mistħi u li ma jħobbx jagħti fil-għajn. *(par. 5)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

5. Skont l-etikett, x'għandek tuża meta tagħtas? *(par. 6)*

_______________________________________________ (1)

6. Matul is-silta, l-awtur isemmi erba' tipi ta' persuni skont l-għatsa tagħhom. Semmi l-erbgħa li huma.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

7. Taqbel mat-titlu tas-silta *L-Għatsa Maltija*? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

| **1B. Għarfien il-Lingwa** | ___ 5 marki |
|---|---|

1. Fisser il-frażi *skiet taqtgħu b'sikkina. (par. 1)*

   ______________________________ (1)

2. *tnessik dak li kont bi ħsiebek tgħid, wara li kont ilek nofs siegħa ddur u ddur biex tasal għalih. (par.2)*

   Għal min qed tirreferi l-kelma *għalih*?

   ______________________________ (1)

3. Fisser il-qawl b'sing taħtu: <u>*mitt bniedem mitt fehma*</u> *(par. 4).*

   ______________________________ (1)

4. *… U wara ħafna studji, riċerki u kwestjonarji, waslu għall-konklużjoni… (par. 4)*

   Għal min qed jirreferi l-verb *waslu*?

   ______________________________ (1)

5. Agħti kelma bl-istess tifsira skont is-sens tas-silta, flok:

   a) bieżla (*par. 1*) ______________________________ (½)

   b) jurtaw *(par. 6)* ______________________________ (½)

| **1Ċ. Il-Grammatika** | ___ 10 marki |
|---|---|

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarha.**

## Is-Suffara



Is-suffara ilha teżisti għal eluf ta' snin. Kienet tkun magħmula mill-għadam jew mill-injam. Din kienet tintuża waqt xi ritwali spiritwali jew għall-gost. **fis-sena 1883 joseph hudson ħa sehem f'kompetizzjoni** li l-pulizija f'Londra għamlet. Kull min ried jieħu sehem kellu jivvinta xi ħaġa li biha jiġbed l-attenzjoni tan-nies. Hudson rebaħ din il-kompetizzjoni meta vvinta s-suffara tal-pulizija, li **għadha tintuża** sal-lum il-ġurnata. Huwa ħa kuntratt biex jipprovdi lill-pulizija b'din l-invenzjoni ġdida tiegħu u **fetaħ** l-*Acme Whistle Company* f'Birmingham.

Aktar tard **Hudson ivvinta s-suffara tar-referì**. **Jgħidu** li waqt xi logħba futbol ir-referì kien ikollu **joqgħod ixejjer** xi maktur. Huwa vvinta wkoll l-iżgħar suffara li qatt eżistiet, li mhix akbar minn pineżella. *(Addattament minn Is-Suffara ta' Claudia Cini mir-rivista RM2000, Mejju 2015)*

1. Għaqqad l-ewwel żewġ sentenzi tal-ewwel paragrafu b'konġunzjoni.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

2. Erġa' ikteb din is-sentenza u agħmel il-punteġġjatura fejn meħtieġ.

*fis-sena 1883 joseph hudson ħa sehem f'kompetizzjoni*

______________________________________________________________________ (2)

3. Qiegħed din il-frażi **fit-tielet persuna plural**:

*... għadha tintuża...* – ______________________________ (2)

4. Immarka t-tweġiba t-tajba:

Il-verb ***fetaħ*** f'din il-frażi: *u fetaħ l-Acme Whistle Company*, huwa verb:

❑ a. intransittiv | ❑ b. transittiv | ❑ ċ. reċiproku (1)

5. Aqleb din is-sentenza fil-passiv: *Hudson ivvinta s-suffara tar-referì.*

______________________________________________________________________ (1)

6. Immarka t-tweġiba t-tajba:

Il-verb ***jgħidu*** f'din il-frażi: *jgħidu li waqt xi logħba futbol*, huwa verb:

❑ a. riflessiv | ❑ b. reċiproku | ❑ ċ. impersonali (1)

7. Qiegħed din il-frażi **fl-ewwel persuna singular fil-perfett**:

*... joqgħod ixejjer...* – ______________________________ (2)

| 1D. Il-Kitba l-Qasira | ___ 5 marki |
|---|---|

**L-Ittra Informali:** **Agħżel mistoqsija WAĦDA minn (i) jew (ii).**

Ikteb bejn **60 u 80 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti li ġejjin. Niżżel l-indirizz meħtieġ u semmi dak li huwa mitlub minnek fil-mistoqsija. Tinsiex tindika n-numru tal-mistoqsija magħżula.

(i) Ikteb ittra lill-ħabib tiegħek li fiha taġġornah bis-safra li beħsiebek tagħmel dan is-sajf flimkien mal-familja tiegħek u tħeġġu sabiex jiġi s-safra magħkom.

- ✓ Fejn se tmur?
- ✓ F'liema xahar u data sejjer/sejra?
- ✓ Għaliex tixtieq li jiġi miegħek?
- ✓ X'differenza tagħmel jekk jiġi miegħek?
- ✓ X'se tagħmlu meta tkunu hemm?



**JEW**

(ii) Ikteb ittra lill-kuġina tiegħek li għadha kemm kellha tarbija, fejn tifirħilha għaż-żieda ġdida fil-familja tagħha.



- ✓ Kemm ilek ma taraha jew tkellimha lil kuġintek?
- ✓ Tkellem ftit dwar it-tarbija (fiżikament, lil min tixbah).
- ✓ Xi jfisser għalik dan il-wild ġdid fil-familja?
- ✓ Ser jagħmlu xi festin?
- ✓ Meta ser jgħammduha?

Ikteb in-numru tal-mistoqsija li għażilt: ___________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

## 1E. Il-Komponiment

**___ 20 marka**

**Ikteb madwar 300 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti fuq karta separata.**

1. **Konna madwar il-mejda għall-ikla ta' filgħaxija meta f'daqqa waħda nqata' d-dawl… (Kompli l-istorja)**
   *(Min kontu fuq il-mejda tal-ikel? X'għamiltu lkoll kemm intom wara li nqata' d-dawl? Dam xejn ma ġie lura d-dawl? Kif għaddejtuh il-ħin sakemm kollox ġie lura għan-normal?)*
2. **Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tar-reklami.**
   *(Liema prodotti jiġu reklamati l-aktar? X'jogħġbok u xi jdejqek fihom? Fuq liema mezzi ta' komunikazzjoni jsiru l-aktar? Ir-reklami dejjem jgħidulna l-verità kollha? Kif jintużaw il-flus li jintefqu fir-reklami?)*
3. **Il-festa tar-raħal.**
   *(Liema hija l-festa tar-raħal tiegħek u meta tiċċelebrawha? X'jogħġbok l-aktar u xi jdejqek l-aktar fiha? X'jidhirlek mill-marċi u mil-logħob tan-nar? Tħobb toħroġ ma' ħbiebek jew tippreferi tgawdiha ma' tal-familja? X'taħseb dwar it-tiżjin fit-toroq u fil-knisja, u dwar iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru?)*
4. **Ix-xiri minn fuq l-internet.**
   *(Għaliex ix-xiri mill-internet sar daqshekk komuni? Liema huma l-prodotti li jinxtraw l-aktar minn fuq l-internet? Minn xiex irridu noqogħdu attenti meta nixtru xi ħaġa mill-internet? X'nistgħu nagħmlu jekk nixtru xi ħaġa u ma tkunx taħdem jew ikollha xi difett? Għaliex ix-xiri mill-ħwienet xorta waħda jibqa' popolari?)*

# IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA (30 MARKA)

## 2A. Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża (*Bejn Ħaltejn*)

___ 15-il marka

**Agħżel WAĦDA: (i) jew (ii).**

(i) Aqra sewwa din is-silta minn *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Ferħana kienet żgur, iżda kellha rogħda li s-sewwieq intebaħ biha minnufih. Xtaq jgħinha iżda x'seta' jagħmel? Malli tfaċċat ħdejn il-knisja, folla kbira bdiet issaffar u tgħajjat. Tfal jirraġġaw u jwerżqu, irġiel u nisa jfaqqgħu d-daħk qishom imxennqin mill-ispettakli ċajtiera.

"San Ġużepp, eħlisni inti minn dan l-infern!" bdiet titniehed b'leħen li semgħu s-sewwieq.

"Aħjar ma tidħolx minn hawn, Sinjura. Din il-folla mhux se tħallik tgħaddi," qalilha l-ieħor.

Il-mara lanqas biss kellha l-kuraġġ tħares madwarha mit-tieqa. B'għajnejha jdemmgħu u b'ħarsa li ma wriet ebda qilla, talbitu jsuq biex jidħlu mill-bieb iż-żgħir tas-sagristija. Ma kienx hemm bogħod wisq, u l-folla mqanqla, malli ntebħet x'kien se jagħmel is-sewwieq, ġriet lil hemm, issaffar u tgħajjat aktar minn qabel l-istess kelma, "Koranta, Koranta!"

Il-kappillan deher f'nofs il-ġemgħa u qal kliem iebes u ta' twiddib. Leħnu ma damx ma ndifen mill-għagħa li kien hemm, u qatagħha li jofroq in-nies u jdaħħal lill-għarusa hu nnifsu fil-knisja. It-tapit aħmar kien ilu mifrux xi nofs siegħa, u l-fjuri ta' fuq l-artal kienu jfuħu, u l-ġinokkjatur kellu mħadda sabiħa tal-bellus. Iżda ħadd m'għadda minn fuq it-tapit, u ħadd ma resaq lejn l-artal tal-fjuri, u ħadd ma qagħad għarkupptejh fuq il-ġinokkjatur.

Iż-żwieġ sar xi siegħa wara quddiem artal qadim imwarrab li kien hemm fis-sagristija. Meta l-ħamba ta' barra ma nstemgħetx aktar, il-Koranta u żewġha ħarbu baxx baxx mill-bieb iż-żgħir. In-nies kienu marru u kien għad fadal biss 'l hawn u 'l hinn xi wħud jistennewha ħierġa.

Ħadd ma kien hemm biex jgħajjarha u jsaffrilha, u żewġha, li seta' jifhem, qalilha f'widnejha, malli s-sewwieq beda jmexxi, "Anjeżi, jien inħobbok xorta waħda."

Hi, imbikkma, staqsietu għaliex kienu għamluha hekk, iżda l-leħen tal-mistqosija tagħha laħaq indifen fit-tgħanniqa tiegħu.

San Ġużepp, imsakkar fin-niċċa tal-knisja, ra kollox u beka bla ħoss biex ma jqajjimx il-Bambin rieqed. Il-fjura mbexxqa f'idu l-oħra issa bdiet tiftaħ sa fl-aħħar.

**Mistoqsijiet:**

1. Għaliex in-novella jisimha *Il-Koranta*? Agħti żewġ raġunijiet.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2. Mis-silta ta' hawn fuq sib żewġ eżempji li juru t-tbatija li kellha tgħaddi minnha l-Koranta fil-ġurnata tat-tieġ tagħha.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. a. X'jisimha l-Koranta? ______________________________________________(1)

   b. Isem il-Koranta nsiru nafuh lejn l-aħħar tan-novella għax:

      i. ☐ ma xtaqitx turi x'jisimha.

      ii. ☐ Indrì jsejħilha b'isimha għax iħobbha kif inhi.

      iii. ☐ il-qassis użah fiċ-ċerimonja. (1)

4. "San Ġużepp, imsakkar fin-niċċa tal-knisja, ra kollox u beka bla ħoss biex ma jqajjimx il-Bambin rieqed. Il-fjura mbexxqa f'idu l-oħra issa bdiet tiftaħ sa fl-aħħar." – Sib żewġ personifikazzjonijiet.

   1) ______________________________________________________________ (1)

   2) ______________________________________________________________ (1)

5. Immarka t-tajba. Iż-żewġ stili ta' din is-silta huma:

   i. ☐ argumentattiv u narrattiv.

   ii. ☐ ironiku u deskrittiv.

   iii. ☐ narrattiv u deskrittiv. (2)

6. F'din is-silta l-awtur jagħfas l-aktar fuq:

   i. ☐ il-kuntrast bejn l-imħabba ta' Indrì u n-nuqqas ta' rispett tar-raħlin lejn il-Koranta.

   ii. ☐ l-aspett reliġjuż u l-qaddis li l-Koranta tafda miegħu x-xewqat tagħha.

   iii. ☐ id-dekrizzjoni dettaljata taċ-ċerimonja tat-tieġ ta' Indrì u l-Koranta. (2)

7. Iddeskrivi l-karattru tal-Koranta minn dak li qrajt fin-novella.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

***JEW***

(ii) Aqra sewwa din is-silta minn *Jacqueline* ta' Pierre J. Mejlak u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Issa li kieku kien mingħalih dawn il-messaġġi fil-forma ta' tbissima kien iħallihom għaddejjin imqar għal sitt xhur, sena. Għax donnu għalih f'dak il-mument kienu biżżejjed. Imma mhux l-istess Jacqueline, li sabitu quddiem il-BOV l-Ħadd ta' wara u wara li kkonfermaw li donnu s-sajf kien se jibda kmieni u li l-ġurnata – marelli – kienet ġa twalet biċċa, sparathielu.

"Tridx bħal-lum ġimgħa mmorru nieħdu pizza?!"

Ma kienx ippreparat għal missila bħal dik. Lanqas qatt ma stennieha, u flok bi tweġiba rrispondieha bi tliet mistoqsijiet.

1. "Eh, pizza?"
2. "Għala le?"
3. "Fejn?!"

"Nistgħu mmorru għand Angelito ta' ħdejn iċ-ċimiterju. Kulħadd jgħajjat kemm hu tajjeb u kemm mhux għoli. Tista' tippikkjani minn hawn, jekk għalik tajjeb."

U wara li ftiehmu l-ħin Mario daħal fil-karozza u niżel id-dar b'rasu ttektek tektik niggieżi. Għax donnu l-pjaċir li kienu qed jagħtuh dawk il-messaġġi ċkejkna fil-forma ta' tbissima kien se jispiċċa kmieni wisq. U miegħu – forsi – min jaf? – anke l-ħajja ta' ġuvni. U kien ġa beda jaħseb jekk Jacqueline kinitx tabilħaqq il-mara li magħha kellu jqatta' ħajtu, u jekk kienx wasal iż-żmien li jara jsibx xogħol aħjar, jieħu ħsieb iżjed flusu u jitfa' għajnu fuq xi appartament jew biċċa raba', meta tolqtu missila oħra. Did-darba doppja u bagħtithielu l-memorja, mogħxija bid-daħk.

"Pizza?! U t-tadam? U, Mario, id-*derby*?!"

## Mistoqsijiet:

1. Għaliex taħseb li l-awtur semma din in-novella *Jacqueline*?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

2. i. Immarka t-tajba.

   ... *ttektek tektik niggieżi* hi:

   a. personifikazzjoni ____________
   
   b. alliterazzjoni ____________
   
   ċ. metafora ____________ (1)

   ii. Spjega *ttektek tektik niggieżi* fi kliemek.

   _______________________________________________ (1)

3. Minn din is-silta sib żewġ kelmiet li jagħtu xejra moderna lis-silta.

_______________________________________________ (2)

4. *Ma kienx ippreparat għal missila bħal dik. Lanqas qatt ma stennieha u flok bi tweġiba rrispondieha bi tliet mistoqsijiet*. Minn din il-kwotazzjoni sib:

a) *metafora*: _______________________________ (1)

u fissirha: _______________________________

_______________________________ (1)

b) X'juru dawn it-tliet mistoqsijiet?

*Eh, Pizza?*

*Għala le?*

*Fejn?!*

i. ☐ inċertezza kbira li kellu Mario.

ii. ☐ entużjażmu kbir li kellu Mario.

iii. ☐ rabja kbira li kellu Mario. (1)

5. Immarka t-tajba.

L-istili ta' din is-silta huma:

i. ☐ argumentattiv u narrattiv.

ii. ☐ narrattiv u deskrittiv.

iii. ☐ surreali u deskrittiv. (2)

6. Oħroġ id-differenza bejn il-karattru ta' Mario u dak ta' Jacqueline.

Ikteb **żewġ punti** fuq kull karattru:

a. Mario:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

b. Jacqueline:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

**2B. Il-Komponiment Letterarju: Ir-Rumanzett (*Il-Ħarsa ta' Rużann*)**

**15-il marka**

**Ikteb madwar 100 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti.**

1. **"U ħallejtu jmut fil-kwiet, dakinhar maż-żerniq." … "*Vaja con Dios*, missier!"**

   Dawn iż-żewġ sentenzi qosra huma xhieda tar-rispett li l-Baruni Mark-Antonin kellu lejn missieru (il-Baruni x-Xiħ) minkejja d-differenza fl-età u fil-mentalità tagħhom. Iddeskrivi dawn iż-żewġ karattri li niltaqgħu magħhom fil-bidu tar-rumanzett u kkummenta b'mod speċjali fiex kienu jaħsbuha differenti u għaliex.

   *(Għaliex Mark-Antonin kien jaħsibha b'mod differenti minn missieru? Minn fejn kien ġabhom dawn l-ideat ġodda li kellu? Fuqiex kienu jargumentaw l-aktar Mark-Antonin u missieru? Għaliex taħseb li Mark-Antonin ma kienx ikompli jargumenta ma' missieru? Xi ddeċieda li jagħmel Mark-Antonin wara li miet il-Baruni x-Xiħ?)*

**JEW**

2. **"Karmenu, wild l-imħabba ta' bejn il-bidwija Dinglija Rużann u Mark Antonin tad-dar de los Ingallos tal-Imdina, b'dik ir-ras tiegħu geġwiġija nokkli mħabblin f'xulxin, b'dawk l-għajnejn jagħtu xi ftit fl-**
   **ikħal, dewwa kif seta' l-ġrieħi li kienet ġarrbet martu."**

   Il-ħajja ta' Karmenu saret ħafna aktar iebsa wara l-attakk li sofrew mill-ħallelin tax-Xuxana. Iddeskrivi dak li għadda minnu Karmenu u l-familja tiegħu f'din il-ġrajja u kkummenta dwar dak li għamel wara u dwar il-kwalitajiet pożittivi fil-karattru tiegħu li għenuh jegħleb dan il-mument tant diffiċli.

   (*X'għamlu l-ħallelin tax-Xuxana lill-familja ta' Karmenu u 'l-annimali li kienu jrabbu? Xi ddeċieda li jagħmel Karmenu biex jirkupra minn din it-traġedja? X'għajnuna offrielu Ġannikol biex ikun jista' jqum mill-ġdid fuq saqajh? X'sagrifiċċji kien lest li jagħmel Karmenu għall-ġid ta' familtu? X'juri dan kollu fil-karattru ta' Karmenu?)*

**TMIEM IL-KARTA**